MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2004

Numru. 783/2002

Il-Pulizija
(Spettur Bernard Zarb)
vs
Mohamad Al Zamati Al Barbar

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Mohamad Al Zamati Al Barbar, detentur tal-passaport numru 2658980, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, fit-28 ta' Awissu 2001 u fil-granet ta' qabel, u dawk ta' wara, b'divesi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda :

1. b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew

sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq bi hsara ta' LM1300 ghad-detriment ta' Martin Vella u diversi persuni ohra, dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih, jew ghal persuna ohra minn haga ta' haddiehor li giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dan bi ksur ta' l-Artikolu 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' cekkijiet ta' l-H.S.B.C. li jappartjeni lil LESS Co. Ltd, billi holoq pattijiet dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, kif ukoll talli ghamel xjentement uzu mill-istess att, kitba, jew skrittura falza, dan bi ksur ta' l-Artikli 183 u 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utili, u xjentement ghamel uzu minnha dan bi ksur ta' l-Artikolu 187 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk ikun il-kaz, tikkundanna lil Mohamad Al Zamati Al Barbar ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma ghandux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda kollha illi tressqu;

Rat il-provi illi ingabbru, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan l-procediment;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha mibjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004.

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja ta' l-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu issibu <u>hati</u> ta' dawn l-imputazzjonijiet kollha, u dan wara li l-Qorti rat l-Artikoli 308, 309, 310, 295, 294, 183, 184, 17 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputat iddikjara illi jrid ihallas l-ammont kollu dovut minnu skond l-imputazzjonijiet u ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta. Ghaldaqstant il-Qorti tara illi ma jkunx ghaqli illi tikkundanna lill-imputat ghall-prigunerija u tara illi jkun ferm aktar ta' beneficcju jekk l-imputat jinghata opportunita ohra sabiex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba. Ghaldaqstant, wara illi l-Qorti rat l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9, kif ukoll l-Artikolu 21 tal-Kap. 9 tikkundanna lill-imputat, misjub hati kif diga intqal, ghall-prigunerija ta' sena sospiza ghal tmintax il-xahar mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lil hati bi kliem car bir-responsabbilita tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28 H tal-Kap. 9 u tordna lill-hati sabiex ihallas lil Martin Vella s-somma ta' elf u tlett mitt lira Maltin (LM1,300) fi zmien sitt xhur mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lil hati bi kliem car bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jonqos illi jaghmel dan il-hlas fi zmien preskritt.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------